# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar it-Tnejn, 29 ta' Novembru 2021**

**Talba Nru: 497/2018 JG**
**Numru fuq il-lista: 1**

**Thomas Spagnol (ID 215271(M)) u Marika Spagnol (ID 78471(M))**

**Vs**

**Hicham Elsayed Gad Abdelhady (ID 0106648(A)) u GAD General Trading & Agencies Co Ltd (C 49875)**

It-Tribunal;

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fl-17 ta' Ottubru 2018, permezz ta' liema, l-atturi talbu li dan it-Tribunal jiddikjara lill-konvenuti huma responsabbli għal danni sofferti u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut jħallsu d-danni amontanti għal erbat elef u sitt mitt Ewro (€4,600) u dan għar-raġunijiet aħjar

deskritti fl-istess Avviż. Intalbu wkoll l-ispejjeż u l-imgħax[1]; Ġiet eżebita dokumentazzjoni[2];

Ra r-risposta tal-konvenuti datata 20 ta' Novembru 2018[3] permezz ta' liema huwa laqgħu għal din it-Talba billi eċċepew li t-talbiet tal-atturi għandhom jiġu miċħuda fil-fatt u fid-dritt, li l-konvenut Abdelhady m'huwiex leġittimu kontradittur, li x-xogħolijiet saru skont is-sengħa u l-arti u skont struzzjonjiet mogħtija mill-atturi.

Ra x-xhieda tal-attriċi Marica Spagnol[4], flimkien mar-ritratti eżebiti minnha;

Ra x-xhieda tal-Perit Abigail Scicluna Lewis[5];

Ra l-affidavits tal-atturi[6];

Ra x-xhieda ta' Alison Mifsud Brimmer, rappreżentant tas-soċjetá bankarja HSBC[7];

Ra x-xhieda tal-konvenut in subizzjoni[8];

Ra x-xhieda tal-kovenut[9];

[1] A fol 1 *et seq.*
[2] A foll 3 sa 9 tal-proċess.
[3] A fol 7 *et seq* tal-proċess.
[4] Mogħtija fis-seduta tal-25 ta' Jannar 2019 u tibda a fol 23 tal-proċess.
[5] Mogħtija fis-seduta tal-25 ta' Jannar 2019 u tibda a fol 24 tal-proċess.
[6] Eżebiti permezz ta' nota li tinsab a fol 26.
[7] Mogħtija fis-seduta tat-8 ta' Marzu 2019.
[8] Seduta tas-17 ta' Ottubru 2019 u tibda a fol 48 tal-proċess.
[9] In eżami, fis-seduta tal-10 ta' Diċembru 2019 u tibda a fol 52 tal-proċess.

Ra x-xhieda in kontro-eżami tal-atturi[10];

Ra d-digriet tat-28 ta' Ottubru, 2020, tramite liema, l-Prim Imħallef ordna li din it-talba tiġi hekk assenjata lil dan it-Tribunal kif issa presedut[11].

Sema' x-xhieda in kontro-eżami tal-konvenut[12];

Sema' x-xhieda in kontro-eżami tal-perit Abigail Scicluna Lewis[13];

Ra d-digriet tat-28 ta' Ġunju 2021, tramite liema t-Tribunal ippermetta li tiġi ppreżentata eċċezzjoni ulterjuri dwar in-nuqqas ta' kompetenza tat-Tribunal *rationae valoris*[14]; Ra li fl-istess data, il-partijiet iddikjaraw li m'għandhomx provi dwar din l-eċċezzjoni u li t-trattazzjoni finali kellha ssir bil-mod skritt[15];

Ra r-risposta ulterjuri kontenenti l-istess eċċezzjoni indikata fil-paragrafu preċedenti[16];

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet finali tal-atturi[17];

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet responsiva tal-konvenuti[18];

Ra l-atti proċesswali kollha;

---

[10] Magħmula fis-seduta tat-18 ta' Frar 2020.
[11] A fol 72 tal-proċess.
[12] Magħmula fis-seduta tal-4 ta' Frar 2021
[13] Magħmula fis-seduta tas-27 ta' Mejju 2021.
[14] Digriet jibda a fol 100 tal-proċess.
[15] A fol 98 tal-proċess.
[16] Risposta ulterjuri tinsab a fol 105 tal-proċess.
[17] Din tibda a fol 107 tal-proċess.
[18] Din tibda a fol 118 tal-proċess.

**Ikkunsidra;**

Illi qabel mat-Tribunal iqis l-aspetti legali ta' din il-kwistjoni, tinħass il-ħtieġa li l-istess Tribunal jirrakkolji u jispjega, anke jekk brevement, ix-xhieda miġbura f'dawn il-proċeduri. Dan qiegħed isir anki għaliex ix-xhieda ma ġietx mismugħa minn dan it-Tribunal kif issa presedut, u għalhekk qiegħed jagħmel hekk sabiex iserraħ moħħ il-partijiet li dik ix-xhieda ġiet debitament mixtarra.

Illi in suċċint, ix-xhieda kienet din li ssewgi.

Illi l-attriċi xehdet kemm *viva voce* u kif ukoll permezz t'affidavit. Fl-eżami *viva voce*[19] hija kkonfermat l-korrispondenza elettronika li ġiet eżebita mal-Avviż tat-Talba, ikkonfermat ukoll iċ-ċekk permezz ta' liema tħallas id-depożitu u ppreżentat sett ta' ritratti.

Illi fl-affidavit tagħha[20] hija spjegat li hija l-mara tal-attur l-ieħor. Tispjega li fis-sena 2017 huma riedu taraġ tal-irħam. Kien ġie ssuġerit il-konvenut minn ħu r-raġel tagħha għaliex kien xtara xi rħam minn għandu fil-passat. Huma ltaqgħu mal-konvenut u raw l-materjal li xtaqu. Il-konvenut infurmahom dwar tip t'irħam u huma aċċettaw. Fl-4 ta' Awwissu 2017 huma rċevew stima tax-xogħol u tal-materjal. Ftehmu lix-xogħol jibda f'April 2018. Ħallsu depożitu ta' erbat elef Ewro (€4,000) permezz ta' ċekk intestat lil Hicham Gad. Dan iċ-ċekk issarraf. F'xi żmien rċeviet riċevuta maħruġa mis-soċjetá konvenuta, liema soċjetá qatt ma kienet ġiet infurmata biha qabel. Ix-xogħol dam ftit sabiex jinbeda. Ix-xogħol jidher li ma sarx mill-konvenut personalment iżda minn xi ħadd ingaġġat minnu. Kien hemm varjazzjonijiet bejn tarġa u oħra u l-irħam ma kienx maqtugħ kif miftiehem. F'xi aspetti l-konvenut issuġġerixxa li din titgħatta b'xi *skirting*. Il-

[19] A fol 23 tal-proċess.
[20] Dan jibda a fol 27 tal-proċess.

konvenut aċċetta li kien hemm problemi iżda qal li dan sar minħabba l-ħaddiem u li dawn id-difetti setgħu jitranġaw. Intuża ħafna aktar irħam u għalhekk kellha ssir ordni oħra. Dan l-irħam dam ħafna biex jiġi u l-aħħar kuntatt li kien hemm bejn il-kontendenti kien SMS fil-25 ta' Ġunju 2018. Nel frattemp l-irħam li kien ġie mqiegħed beda joħroġlu tbajja, kif ukoll ħarġu tbajja tas-sadid. Dawn ma kienux skont is-*sample* li ġiet murija. Inkarigat perit sabiex tħejji rapport. Tgħid li xi materjal li ma intużax, ukoll ġie milqut bl-istess problemi.

Illi l-attriċi xehdet ukoll in kontro-eżami[21]. Hawnhekk taqbel li hija kienet għażlet it-tip t'irħama. Tgħid li dan ma tantx għandu x'jaqsam ma' dak li ntuża. Hija aċċettat is-sample. Ma kinitx dejjem preżenti waqt ix-xogħol. Kienet infurmat lill-konvenut li kien hemm affarijiet li ma kinux qegħdin jogħġbuha u ma setgħetx tinftiehem mal-lavrant għaliex kien ta' nazzjonalità barranija. Tgħid li l-konvenut kien jgħidilha lix-xogħol kien sejjer jitranġa. Tikkonferma li l-lavrant jidher li kien ħa żball. Imkien ma kellu jkun hemm madum f'biċċiet. Tgħid li qablet u aċċetat li jiġi aktar irħam minn barra iżda dan qatt ma ġie. Qatt ma kien reġa kellimha wara l-aħħar darba li saqsietu. Taqbel li hu qatt ma talab prezz ulterjuri għal dan l-irħam. Tikkonferma li għad hemm xi materjal id-dar.

Illi l-attur Thomas Spagnol xehed permezz t'affidavit[22]. Hawnhekk essenzjalment jikkorrobora dak li xehdet martu. Iżid li kien il-konvenut li ġie sabiex jieħu l-qisien neċessarju. Jikkonferma li dwar is-soċjetá konvenuta u l-eżistenza tagħha huwa ma kien jaf xejn, sar biss hekk mgħarraf wara li rċieva rċevuta. Jikkonferma d-diversi problemi bix-xogħol kemm minħabba il-mod kif dan tqatta u wkoll minħabba d-diffetti li feġġew fil-materjal.

[21] Xhieda relattiva tibda a fol 57 tal-proċess.
[22] Affidavit jibda a fol 31 tal-proċess.

Illi l-attur xehed ukoll in kontro-eżami[23]. Hawnhekk jikkonferma li huma għażlu l-irħam relattiv wara li kienu raw irħam ieħor minn għand terzi. Jgħid li l-irħam tajjeb kien fil-bidu iżda sussegwentement beda joħroġ is-sadid minnu. Dan kien wara xi xhur. Jgħid li huma mhux dejjem kien ikun preżenti waqt ix-xogħol, iżda kien ikun preżenti t-tifel tiegħu. Jikkonferma li l-lavrant tal-konvenut kien ħawwad it-tqegħid tal-irħam. Jaqbel li martu kienet aċċettat li jiġi aktar irħam minn barra.

Illi f'dawn il-proċeduri xehdet ukoll il-perit Abigail Scicluna Lewis[24]. Tikkonferma li hija ġiet inkarigata tħejji rapport fuq taraġ tal-irħam sabiex teżamina l-kwalitá kemm tax-xogħol u tal-materjal[25]. Tikkonferma li wara dak ir-rapport ġiet ingaġġata sabiex tħejji stima rigwardanti il-qlugħ tat-taraġ.

Illi l-istess perit xehdet ukoll in kontro-eżami. Tispjega aktar fid-dettal il-fatt li t-taraġ kif inhu ma jiġix *in line*. Tgħid li biex it-taraġ isir uniformi irid jinqala. Tgħid li d-diskrepanza bejn tarġa u oħra kienet differenti. Id-diskrepanza li saret ma kinitx aċċettabbli. Tgħid lix-xogħol kien 80% komplut. Tikkonferma li bix-xogħol rimanenti dan ix-xogħol ma setax jiġi rimedjat. Tikkonferma li l-*iskirting* ma kienx sar iżda li kieku sar dan ma kienx kapaċi jgħatti d-diffett. Tikkonferma li l-attriċi qaltilha li hija kienet waqqfet ix-xogħolijiet. Mistqosija direttament mit-Tribunal tikkonferma li x-xogħol irid jinqala' u jerġa jsir.

[23] Xhieda relattiva tibda *a tergo* ta' fol 60.
[24] Xhieda in eżami seħħet fis-seduta tal-25 ta' Jannar 2019.
[25] Rapport eżebit a fol 7 *et seq* tal-proċess.

Illi f'dawn il-proċeduri xehdet ukoll Alison Mifsud Brimmer, rappreżentant ta' HSBC Malta[26]. Tikkonferma liċ-ċekk rilevanti kien ġie msarrfa u mhux depożitati. Ma setgħetx tikkonferma minn għand min, iżda tikkonferma fuq wara tad-dokument hemm in-numru ta' karta t'idendita 106648(A))[27].

Illi l-konvenut xehed diversi drabi. L-ewwel xehed in subizzjoni[28]. Hawnhekk jikkonferma n-numru tal-karta t'identita tiegħu. Jikkonferma wkoll li huwa kien rċieva u sarraf iċ-ċekk relattiv tad-depożitu. Jikkonferma wkoll il-firma tiegħu.

Illi sussegwentement il-konvenut reġa xehed, din id-darba in eżami[29]. Hawnhekk jispjega li huwa jissuplixxi irħam. Jgħid li huwa kien għamel xi xogħol għal-familjarji tal-atturi. Jgħid li huwa kien li ġab il-materjal u ħaddiema sabiex jagħmlu x-xogħol in kwistjoni. Fil-fatt, jgħid li huwa kien installa x-xogħol ukoll. Jikkonferma li tħallas d-depożitu. Jgħid lix-xogħol beda tajjeb iżda mbgħad l-attriċi bdiet tgerger fuq il-qisien. Jgħid li huwa kien reġa ordna materjal iżda jgħid li dan dam biex jiġi u li twaqqaf mill-atturi għaliex irċieva korrispondenza li jekk dan ma jsirx fi żmien prefiss kienu sejrin jittieħdu proċeduri kontriħ. Jgħid li huwa ma kompliex. Jgħid li l-attriċi kellha tistenna aktar. Jgħid li l-qisien u l-madum kien ta' kejl differenti bejn iż-żewġ sulari. Jikkonferma lill-ħaddiem tiegħu għamel żball u nstalla madum ta' kejl differenti. Jgħid li hu offra apoloġija u ftiehem li dan jiġi rimpjazzat, iżda dan kellu jiġi minn bara. Dwar ix-xogħol fl-entrata jgħid li ġeneralment dan jinqata ċentimetru l-bogħod mill-ħajt u mbgħad jitgħatta b'*skirting*.

[26] Xhieda tibda a fol 36 tal-proċess.
[27] Jirriżulta li dan huwa tal-konvenut.
[28] Din tibda a fol 48 tal-proċess.
[29] Xhieda tibda a fol 52 tal-proċess.

Illi l-konvenut xehed ukoll in kontro-eżami[30]. Jikkonferma li huwa d-direttur tas-soċjetá konvenuta. Jikkonferma li huwa l-uniku direttur. Jikkonferma li l-atturi kienu kkonferma l-materjal fuq *sample* li urihom hu. Jikkonferma li mar hu fuq il-post u ħa l-miżuri. Jgħid li x-xogħol kien wieħed massiċċ u dam perjodu taż-żmien. Dan ma sarx minnu, iżda minn ħaddiem tiegħu. Jgħid li huwa minnu li sar żball għaliex intużaw madumi f'partijiet fejn kellhom jitwaħħlu f'post ieħor. Minħabba f'hekk intuża ħafna rħam żejjed u kellu jerġa' jordna irħam iħeor. Jgħid li qatt ma ġie nfurmat bit-tebgħat fuq l-irħam. Jgħid li l-irħama hija naturali u għalhekk xi drabi tkun skura jew ċara. Muri ritratti jgħid li dak mhux difett iżda marki fuq l-irħam. Jgħid li l-attriċi qatt ma ratt xejn minn dawn mis-sample li uriha. Jgħid li ntuża l-istess materjal.

Illi magħmul dan ir-riassunt, t-Tribunal iqis li r-relazzjoni bejn il-partijiet hija dik emerġenti mill-artikoli 1633 sa 1643 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta u allura t-Tribunal qiegħed jikkunsidra l-kuntratt ta' bejn il-kontendenti bħala wieħed t'appalt.

Illi peró qabel mat-Tribunal jissokta sabiex jeżamina l-mertu propju ta' dan il-każ iqis li huwa għandu l-ewwel u qabel kollox jeżamina l-aħħar eċċezzjoni ulterjuri mressqa mill-konvenuti u ċioé dik li qiegħda tattakka l-kompetenza ta' dan it-Tribunal. Dan għandu loġikament isir hekk għaliex naturalment jekk din tintlaqá ma jistax ikun hemm eżami ulterjuri ta' dan il-każ minn dan it-Tribunal u dan sabiex il-mertu jibqa mpreġudikat għall-partijiet u jkollu mbgħad jiġi deċiż minn xi Qorti riċeventi[31].

---

[30] Xhieda relattiva tibda a fol 75 tal-proċess.
[31] Dan ai termini tal-artikolu 741 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

**L-Eċċezzjoni Ulterjuri – Kompetenza Rationae Valoris**

Illi jingħad li l-kompetenza ta' dan it-Tribunal huwa radikat bl-artikolu tlieta (3) tal-Kapitolu 380 tal-Liġijiet ta' Malta, fejn fis-subinċiż tnejn (2) tiegħu jispjega li t-Tribunal ikollu ġurisdizzjoni biex jisma' u jaqta' biss it-talbiet kollha ta' flus ta' ammont ta' mhux iżjed minn ħamest elef euro (€5,000), u dan mingħajr ħsara għas-subinċiż ħamsa (5) tal-istess artikolu.

Illi għalhekk *prima facie* wieħed jista' jifhem lit-talba odjerna tikkonċerna ammont li huwa fil-kompetenza tal-istess Tribunal[32]. Huwa aċċettat li ġeneralment il-kompetenza hija radikata mill-talbiet u premessi kif jemerġi minn att promotur[33]. Madanakollu, l-konvenuti qiegħdin jisħqu li peress lit-totalitá tal-kuntratt t'appalt huwa kien ta' sitt elef Ewro (€6,000) dan it-Tribunal huwa prekluż milli jeżamina l-kuntratt kollu. Dwar dan, fost sentenzi oħra, il-konvenuti għamlu wkoll riferiment għal sentenza preċedenti ta' dan it-Tribunal kif presedut[34].

Illi peró t-Tribunal jgħid li meta ssir referenza għal sentenzi oħra, wieħed irid jara *l-fattispecie* partikolari ta' dak il-każ. Huwa ndubitat li prinċipji ġenerali ta' dritt, jew aħjar, l-applikazzjoni tagħhom f'xi litiġju, huwa ċirkoskritt bil-fatti ta' dak il-każ partikolari. F'dik id-deċiżjoni u anki fis-sentenzi l-oħra utilizzati mill-

32 Applikabbli hawnhekk dak li jrid u jgħid l-artikolu 748(a) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

33 F'dan is-sens issir referenza, fost diversi pronunzjamenti simili, għas-sentenza fl-ismijiet **Joseph Vella sive Vella-Baldacchino et vs John Falzon et,** (Rik Ġur Nru: 444/2017), mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-16 ta' Lulju 2019 fejn ġie ripetut hekk: *"Ikkonsidrat li hija gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna illi l-kompetenza ta' Qorti hi determinata fuq kollox, u qabel kull konsiderazzjoni tal-eccezzjoni moghtija, mit-termini talazzjoni attrici. Hu l-att promotur kif intavolat, it-talbiet u lpremessi taghhom, li jiffurmaw il-parametri li fihom il-Qorti tezercita l-gudizzju taghha u li allura jiddeterminaw il-kompetenza taghha (Frankie Refalo noe vs Jason Azzopardi et (Appell - 7 ta' Ottubru 1997)"*

34 Saret referenza għas-sentenza **Antonia Mifsud K/A Tanya vs No Deposit Cars Malta Limited et,** (Tlb Nru: 196/2020) deċiża minn dan it-Tribunal fit-28 ta' Jannar 2021.

konvenuti kien hemm kwistjonijiet dwar il-valur ekonomiku sħiħ li kien isawwar ir-rapport ġuridiku. Hekk per eżempju fis-sentenza preċedenti ta' dan it-Tribunal, kien hemm il-ħtieġa li dan it-Tribunal jinvestiga l-kuntratt sħiħ minħabba n-natura tat-talba u tal-linja difensjonali.

Illi fil-każ tal-lum, it-Tribunal m'huwiex qiegħed jiġi mitlub ixolji l-kuntratt t'appalt ta' bejn il-kontendenti. Għalkemm il-konvenuti jgħidu li dan ma ġiex terminat, huwa bil-wisq ovvju li l-intenzjoni tal-atturi kien propju li dan jitwaqqaf. Anzi, għal dan it-Tribunal huwa ċar ukoll li l-konvenut Hicham Elsayed Gad Abdelhady jaf sew li huwa kien ġie tterminat. Ir-riżoluzzjoni tal-kuntratt t'appallt m'huwiex sejjer iseħħ jekk u għaliex tintlaqá t-talba tal-atturi. Irid jiġi mfakkar li ma hemmx ħtieġa ta' deċiżjoni ta' xi awtorità ġudikanti sabiex jiġi xolt ftehim t'appalt, iżda dan jista' jsir b'kull mezz jekk minn jagħti x-xogħol jinfurma b'dan lill-appaltatur[35].

Illi din il-kawża hija biss dwar ir-rifużjoni tad-depożitu mħallas minħabba xogħol magħmul ħażin, kif ukoll materjal mhux tal-kwalitá miftehma u danni konsegwenzjali u xejn aktar. Hekk kif inhi formulata l-azzjoni, fil-valur mogħti mill-atturi, din hija ta' kompetenza ta' dan it-Tribunal.

Illi għalhekk l-eċċezzjoni rigwardanti l-kompetenza ta' dan it-Tribunal hija ħażina u qiegħda tiġi mwarrba. Konsegwentement, it-Tribunal qiegħed jiddikjara ruħu kompetenti u sejjer jeżamina l-mertu ta' dan il-każ.

Illi peró qabel ma jagħmel dan, jeħtieġ li tiġi nvestigata t-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti (għalkemm din ġiet miktuba b'mod preliminari għall-ewwel

[35] *Vide* l-artikolu 1640(5) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

eċċezzjoni, liema eċċezzjoni ma kinitx fil-fatt waħda preliminari). L-ewwel eċċezzjoni kienet biss waħda ġenerika[36].

**<u>It-Tieni Eċċezzjoni – Leġittimu Kuntradittur.</u>**

Illi permezz ta' din it-tieni eċċezzjoni, il-konvenuti qegħdin jgħidu lir-relazzjoni ġuridika mal-atturi hija eżistenti biss mas-soċjetá konvenuta għaliex skont huma, l-atturi kienu ngaġġaw lilha sabiex isir dan ix-xogħol.

Illi huwa ġeneralment aċċettat li teżisti preżunzjoni ġenerali li persuna tkun qiegħda tikkuntratta f'isimha u mhux f'isem ħaddieħor[37]. Min jallega li jkun qiegħed jidher f'xi vesti rappreżentattiva għandu l-oneru li jipprova li jkun għarraf lill-persuna l-oħra b'dan il-fatt[38].

---

[36] Hawnhekk it-Tribunal iqis li għandu jagħmel referenza għad-deċiżjoni ta' dan it-Tribunal, diversament presedut fl-ismijiet **<u>Catherine Cauchi vs Keith Seychell,</u>** (Tlb Nru: 176/2019) mogħtija riċentement fl-udjenza tal-1 ta' Novembru 2021. Dan it-Tribunal jabbraċċja dak hemm awtorevolment deċiż dwar eċċezzjonijiet simili.

[37] F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **<u>Avukat Renato Cefai bħala mandatarju tad-ditta estera All. Co. S.p.a vs J & M Aluminium Ltd,</u>** (App Ċiv Nru: 796/2003/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar il-1 ta' Frar 2008.

[38] F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **<u>Demanuele vs Gagliano et,</u>** deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar id-19 ta' Mejju 1995. Ukoll it-Tribunal iqis li għandu jiċċita *in extensio* mis-sentenza fl-ismijiet **<u>Mirabel Distributors Limited vs Emanuel Zammit,</u>** (App Ċiv Nru: 1519/1999/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar is-16 ta' Diċembru 2002. F'dik is-sentenza, saret referenza eżawstiva għall-ġurisprudenza fuq din il-materja u ġie ritenut hekk: "*Saru frekwenti l-kawzi fejn persuna azzjonata ghal hlas titrincera ruhha wara l-eccezzjoni li ma hiex illegittimu kontradittur. Kif gie osservat "certi kazijieit huma ovvji, ohrajn mhux daqstant ovvji. Fejn hemm dubbju pero', wiehed kellu jippresumi illi l-persuna li qed tikkontratta kienet hekk qed taghmel f'isimha proprju" – "Lawrence Formosa et noe –vs- Silvio Felice", Appell, 6 ta' Ottubru 1999. Issokta jigi sostenut illi "biex ikun diversament kien jispetta lill-appellanti li jipproducu provi konklussivi in sostenn talpretensjoni taghhom proprju biex jistabilixxu illi dak li kellu jigi prima facie prezunt mic-cirkostanzi materjali li fihom sar in-negozju …… ma kienux jirrispekkjaw il-verita' ghaliex fil-verita' n-negozju kien sar ma' haddiehor" – "John Vella nomine –vs- Anthony sive Mario Anthony Vella et", Appell, 3 ta' Dicembru 1999. Bhal fil-kaz tal-konkluzjoni raggunta fid-decizjonijiet flismijiet "Joseph Chetcuti nomine -vs- Peter Paul Camilleri", Appell, 4 ta' Dicembru 1988; "Anthony Caruana et –vs- John Magro et", Appell, 6 ta' Ottubru 1999, u l-ohrajn referenzjati fihom, "din il-Qorti jidhrilha li l-konvenut m rnexxilux jipprova sodisfacentement li hu mhux obbligat personalment li jhallas il-kreditu tas-socjeta' attrici. Fi*

Illi issa fil-każ odjern, jirriżulta ċar li l-konvenut qatt m'għarraf lill-atturi li hu kien qiegħed jikkuntratta f'isem il-kumpannija tiegħu. L-ewwel darba li ssemmiet din il-kumpannija kien biss wara li kien sar il-ħlas direttament lilu. Ma jistax allura l-konvenut jittanta jeħles mill-obbligi personali tiegħu b'dan il-mod. Għal dan it-Tribunal huwa ċar li s-soċjetá konvenuta ma kinitx parteċipi f'dan in-negozju. Is-sempliċi fatt li ħarġet forma ta' rċevuta wara li kien ġie miftiehem il-kuntratt ma jfisser xejn. Ukoll, il-konvenut kien silenzjuz u ommissiv dwar din l-eċċezzjoni waqt il-ġbir tal-provi. Anzi, jikkonferma wkoll li l-ħlas sar direttament lilu u mhux lis-soċjetá konvenuta.

Illi madanakollu, ikun kontro-sens jingħad lill-konvenuti jistgħu b'xi mod jinstabu responsabbli b'mod solidali f'dan il-każ. L-appalt ġie konkluż biss mal-konvenut f'ismu personali u għalhekk is-soċjetá konvenuta hija estranja. Tassew, l-atturi stess fis-sottomissjonijiet finali tagħhom jgħidu li huma ħarrku wkoll lis-soċjetá ta' konvenuta "b'sens ta' kawtela"[39].

Illi huwa ben magħruf li l-leġittimita' tal-persuna tista' titqajjem *ex officio*[40]. Mill-provi prodotti jirriżulta li s-soċjetá konvenuta ma kinitx parteċipi f'dan il-ftehim

*kliem iehor ma jirrizultax sodisfacentement li meta l-konvenut innegozja mas-socjeta' attrici 'a tempo vergine' hu gab a konjizzjoni taghha li hu kien qieghed jixtri ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' u li din is-socjeta' biss kienet obbligata ghal hlas."*

[39] *Vide* f'dan is-sens paragrafu 14 tan-nota ta' sottomissjonijiet finali, a fol 112 tal-proċess.

[40] F'dan is-sens issir referenza għal dak ġie deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Eduardo Grech, quale Presidente della Filarmonica "Sta. Maria" di Musta vs Negoziante Francesco Darmanin**, Qorti tal-Kummerċ, mogħtija fil-15 ta' Jannar 1907 f'liema sentenza intqal hekk: *"Che, come e stato ritenuto dalla Corte di Appello nella causa "Dr. Naudi versus Geoghegan" 30 Novembre 1903, l'eccezione di illegittimitá di persona non é eccezione dilatoria, ma perentoria, opponibile in qualunque stadio del giudizio anche in seconda istanza e la quale pu'essere dalla Corte sollevata ex officio".* Din is-sentenza ġiet ċitata b'approvazzjoni fis-sentenzi fl-ismijiet, **Anthony Gauci vs Modern Circuits Limited** (Ċit Nru: 107/2000/1) mogħtija fil-5 ta' Ottubru 2006, **Marina Holdings Limited vs Kummissarju tat-Taxxi Interni** (Rik Nru: 516/2005), mogħtija fis-7 ta' Frar 2008 u **Vassallo Builders Group Limited vs John A. Said pro et noe (Ċit Nru: 2092/1998/1)** mogħtija fil-5 ta' Ottubru 2010 ilkoll mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili preseduta mill-Imħallef Joseph R Micallef.

u għalhekk, jekk tintlaqá l-azzjoni attriċi din għandha tkun diretta biss lejn il-konvenut personalment. F'dan il-każ, it-Tribunal ma jisb l-ebda solidarjetá.

Illi għalhekk din l-eċċezzjoni m'hijiex mistħoqqa u qiegħda tiġi miċħuda.

**Mertu**

Illi b'mod ġenerali[41] jingħad li min jikkuntratta sabiex jagħti bħala oġġett prestazzjoni *da fare*, jitqies li qiegħed jobbliga ruħu li jagħmel dan b'diliġenza ta' *bonus paterfamilias*[42].B'mod aktar speċifiku mbagħad, għal dak li jikkonċerna vizzji fix-xogħol magħmul, appaltatur huwa hekk preżunt li jkun ħati f'każ li xi vizzju jew difetti jimmanifestaw ruħhom[43]. Issa huwa hekk ġustament mgħallem li appaltatur m'għandux jissokta li jespleta l-inkarigu mogħti lilu jekk iqis li l-

[41] Hawnhekk, it-Tribunal ikun qiegħed jonqos jekk ma jagħmilx referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Pierre Darmanin vs Moira Agius et,** (App Ċiv Nru: 323/2002/1) L-enunċjazzjoni elaborata dwar il-prinċipji ġuridiċi rigwardanti l-isitut t'appalt, magħmula f'dik is-sentenza, hija ta' spiss segwita u mħaddna mill-Qrati tagħhna. Dan it-Tribunal ukoll jieħu okkażżjoni jagħmel tiegħu t-tgħalim hemm imfisser.

[42] F'dan is-sens, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Alfred Spiteri et vs Silvio Busuttil,** (App Ċiv 1408/1996/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar is-7 ta' Mejju 2010, fejn intqal hekk: *"Fost l-obbligazzjonijiet li ghandhom b'oggett prestazzjoni "di fare", bhal ma hekk hu l-kuntratt ta' appalt, hu mistenni li dik l-obbligazzjoni tieghu taghti rizultat finali u tajjeb f'kull rispett, biex jista' jinghad li l-appaltatur ikkonforma ruhu mal-mudell tad-diligenza tal-bonus paterfamilias skond l-Artikolu 1132 Kodici Civili. Il-kuncett ta' din id-diligenza jimplika li hu jadopera l-kawteli indispensabbli ghall-adempiment tal-prestazzjonijiet tieghu skond ir-regoli ta' larti u tat-teknika tajba. Dan, difatti, huwa kriterju ghal liema spiss drabi jaghmlu riferiment il-Qrati taghna. Hekk inghad illi l-obbligu tad-diligenza jikkomprendi li l-appaltatur jippresta kapacita ordinarja u wkoll "quella diligenza e quella perizia ordinaria che gli e` imposto dalla natura del contratto". Ara "Carmelo Scicluna -vs Giuseppe Mallia et", Appell Civili, 31 ta' Mejju, 1929;"*

[43] Dwar dan, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Raphael Micallef vs Anthony Agius,** (Ċit Nru: 1003/1989/2), mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar id-9 ta' Ġunju 2004 (mhux appellata) fejn, wara li saret referenza estensiva għa-ġurisprudenza in materja, ġie enunċjat, b'awtoritá, is-segwenti: *"Fid-dawl ta' din il-gurisprudenza prevalenti l-appaltatur huwa meqjus fi htija ghax-xoghlijiet ezegwiti mhux skond l-arti u s-sengha, jekk jinstabu vizzji u difetti f'dawn l-istess xoghlijiet. Vizzji li hu seta' nduna bihom jew kellu, dejjem in bazi ghar-regoli ta' l-arti, jintebah bihom".*

istruzzjonijiet sejrin jirriżultaw f'xogħol ħażin[44]. Dawn il-prinċipji huma applikabbli bl-istess mod għal meta, bħal fil-każ preżenti, ikun qiegħed iforni wkoll materjal sabiex jintuża fix-xogħol rikjest[45].

Illi applikati dawn il-prinċipji għal-fatti ta' dan il-każ, jirriżulta ċar għal dan it-Tribunal li l-istanza attriċi timmerita l-akkoljiment tagħha minnu, b'mod totali. Dan jingħad minħabba s-segwenti.

Illi f'dawn il-proċeduri, apparti x-xhieda soġġettiva tal-kontendenti[46], hemm ukoll il-prova teknika magħmula mill-perit *ex parte* tal-atturi. Issa prova bħal din,

---

[44] Issir referenza, fost diversi, għas-sentenza fl-ismijiet **Francis Stivala noe vs Hector Borg pro et noe,** (Ċit Nru: 446/1994/2) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-28 ta' Frar 2003 (mhux appellata) fejn reġa ġie kkonfermat hekk: *"Jinsab ritenut ukoll illi "l-appaltatur ma hux mehlus mir-responsabilita` avvolja jkun hemm l-approvazzjoni taxxoghol" ("Nobbli Gioacchino Attard Montalto -vs Emanuele Schembri et", Appell Kummercjali, 28 ta' Gunju 1957). Anzi jinghad ukoll illi "e` dovere dell' appaltatore di resistere ad ordini che egli vedesse pregiudizievoli alla solidita` e contrari alle buone regole della arte" ("Nicola Vella -vs- Luigi Agius", Appell, Sede Inferjuri, 7 ta' April 1923); Huwa ghandu jezegwixxi x-xoghol lilu kommess fis-sens li "ghandu l-obbligu wkoll li jara li dan ix-xoghol ikun sejjer isir utilment u mhux b'mod li l-quddiem juri difetti. F'kaz bhal dan hu ghandu mill-ewwel ma jaghmilx ix-xoghol jew ikollu jirrispondi ghad-difetti li jigru 'il quddiem." ("Mario Blackman -vs- Carmelo Farrugia et noe", Appell Kummercjali, 27 ta' Marzu 1972);"*

[45] Dwar dan, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Anthony Cauchi vs Pierre Galea et,** (App Ċiv Nru: 46/1996/1) deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar is-26 ta' April 2006 fejn ġie mfakkar hekk: *"Minn dan jitnissel in linea ta' principju illi, gjaldarba jinkombi b' obbligu fuq l-appaltatur li josserva n-normi ta' indoli teknika fl-ezekuzzjoni ta' l-opra, komprensiv f' dan il-kontroll tal-materjal intiz li jigi wzat, huwa ghandu jastjeni ruhu milli jezegwixxi l-opra jekk ikun deherlu, b' diliġenza ordinarja, illi l-materjal mhux tajjeb jew dan kapaci 'l quddiem jimmanifesta difetti. "F' kaz bhal dan hu ghandu mill-ewwel ma jaghmelx ix-xoghol jew ikollu jirrispondi ghad-difetti li jigru 'l quddiem" - "Mario Blackman -vsCarmelo Farrugia et nomine", Appell Kummercjali, 27 ta' Marzu 1972;"*

[46] Tinħass il-ħtieġa li ssir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Audrey Murphy ġja Audrey Delia Murphy vs Mark Anthony Delia,** (Ċit Nru: 665/2006), mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-11 ta' Ġunju 2015 (mhux appellata) fejn b'awtoritá, ntqal hekk: *"Illi l-Qorti tqis li, iżda, bħalma jiġri f'każijiet bħal dawn, il-verżjonijiet tal-partijiet u ta' dawk li setgħu nvoluti magħhom ikunu ta bilfors miżgħuda b'doża qawwija ta' apprezzament suġġettiv ta' dak li jkun ġara. Il-Qorti tifhem li kull parti jkollha t-tendenza li tpinġi lilha nnifisha bħala l-vittma u l-parti l-oħra bħala l-ħatja, u dan jgħodd ukoll għall-verżjonijiet li jagħtu dawk il-persuni l-oħrajn li jkunu b'xi mod involuti fl-episodju. Huwa d-dmir tal-Qorti li tgħarbel minn fost dawn il-verżjonijiet kollha u minn provi indipendenti li jistgħu jirriżultaw il-fatti essenzjali li jistgħu jgħinuha tasal biex issib x'kien li tassew ġara u kif imxew l-affarijiet."*

hija aċċettata fis-sistema tagħna[47], salv biss għal-fatt li prova simili hija soġġetta għall-istess kriterji ta' valutazzjoni magħmula meta perit tekniku ikun ġie inkarigat minn awtorità ġudikanti[48]. Għalhekk huwa applikabbli wkoll it-tgħalim li solitament jiġi mfakkar f'dan ir-rigward[49].

Illi t-Tribunal ma ngħatalu l-ebda prova oħra li b'xi mod tista' twasslu jinjora r-relazzjoni teknika magħmula mill-perit. Dan ir-rapport jitkellem b'mod ċar mingħajr mezzi termini[50] u l-istess konklużjoni ġiet ampjament ripetuta b'ċertu enfasi waqt il-kontro-eżami[51]. Għalhekk, l-atturi irnexxilhom, speċjalment permezz ta' dan l-aċċertament tekniku jipprovaw t-teżi tagħhom[52].

---

[47] Artikolu 563A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.
[48] Artikolu 681 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.
[49] Fuq din it-tematika wieħed huwa mistieden jara l-ġabra ġurisprudenzjali rakkolta fis-sentenza fl-ismijiet **Noel Pisani et vs Adam Bartolo** (Rik Ġur Nru: 13/06 JZM), mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-12 ta' April 2016, per Onor. Imħallef Joseph Zammit McKeon (mhux appellata).
[50] Fl-ewwel faċċata tar-rapport (li jinsab eżebit a fol 7 tal-proċess) il-perit tgħid hekk: *"Laying: It can be very clearly seen that the laying of the marble on the staircase is* ***not acceptable and is not being carried out according to good standard of practice. The workmanship leaves much to be desired" (enfasi tat-Tribunal)***. L-istess rapport ikompli hekk *"The landings of the staircase are also unacceptable. The groud floor landings is cut too small therefore on the sides there are large gaps which will remain visible. The second floor landing has been laid with unequal sizes of marble pieces and this* ***is an unacceptable detail." (enfasi tat-Tribunal)*** Bl-istess mod, il-perit tikkritika u tiddokumenta l-fatt tad-difetti fil-materjal.
[51] Il-perit qalet hekk: *" Xhud: Mela biex isir in-nosing kollha ugwali, il-qisien tat-taraġ iridu jittieħdu minn qabel, u trid tiġi konsidrata dik l-extra, jekk ser nagħmluha point five of a centimetre, kull targa jrid ikollha point five of a centimetre. Mela inti trid tieħu l-qies ta' kull tarġa u tinqata' b'dik l-extra point five of a centimetre. Issa meta t-taraġ huwa kollu imqiegħed inti* ***ma tistax taqla' u terġa' tpoġġi l-istess irħama għax ħa jerġa jiġrilek l-istess. Allura trid tagħmlu kollu mill-ġdid biex jiġik uniformi.*** *Dr. Margot Zammit Fiorentino: Jiġifieri huwa xogħol li jrid isir mill-ġdid. Xhud:* ***Eżattament. (enfasi tat-Tribunal).***
[52] Fis-sentenza fl-ismijiet **Alfred Spiteri et vs Silvio Busuttil**, diġa hawn fuq indikata fin-nota enumerata 42, ġie wkoll ribadit hekk: *"Evidentement, il-prova tan-nuqqas ta' l-impenn mil-lappaltatur ghall-kanoni komportamentali tad-diligenza u ghar-rizultat objettivament konformi ghall-aspettattivi talkommittent taggrava fuq dan ta' l-ahhar. Huwa jehtieglu juri ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti illi l-appaltatur ma hax hsieb jirrispetta r-regoli tas-sengha u ta' l-arti in kwantu ghar-riskontru tal-vizzji fix-xoghlijiet realizzati."*

Illi kontra dan, it-Tribunal ġie offrut biss il-kelma tal-kovenut. Frankament, il-konvenut jikkonferma diversi drabi ħafna mill-iżbalji li saru[53].

Illi huwa għalxejn li l-konvenut jgħid li huwa segwa l-istruzzjonijiet tal-attriċi. Kif diġa ġie mfisser f'din id-deċiżjoni, dik m'hijiex difiża aċċettabbli f'kwistjonijiet t'appalt.

Illi finalment għal dak li jikkonċerna l-fatt li l-konvenut donnu jrid li jinħeles mir-responsabbiltá għaliex jenfasizza li l-iżbalji saru minn xi ħadd imqabbad minnu, it-Tribunal josserva dan li ġej. Fl-ewwel lok, irid jiġi osservat, jew aħjar, imfakkar, li dan it-Tribunal huwa regolat b'liġi speċjali. Huma dawn ir-regoli speċjali li għandhom primarjament isibu applikazzjoni fi proċeduri quddiemu. Dawn jinneċessitaw ċertu formalitajiet, li jirriżulta li l-konvenut naqas milli jsegwi[54]. Għalhekk, jidher li l-passivitá u l-omissivitá tiegħu f'dan ir-rigward ma jistgħux ikunu t'għanjuna għalih sabiex tintlaqá din id-difiża[55].

Illi wkoll, anke jekk wieħed kellu jargumenta li dawn ir-regoli m'humiex tassattivi, huwa indiskuss li l-konvenut ma wessax b'xi mod ieħor il-preżenti litiġju bil-mod kif irid il-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta[56].

---

[53] Fil-kontro eżami qal hekk: "*She complain when we make a mistake, my worker make a mistake. Because our deal as to make a big tiles for the first floor and small tiles for the second. And the main worker he mix it; he make the big in the second floor, ok? So she start complaining. I told her it will be the same because we can't remove it from the second floor to the first floor because second floor it was shorter; so we cut it, he cut it not me; and we can't take it to pot (recte: put) it down.*"

[54] Regola 6 tal-L.S. 380.01 tal-Liġijiet ta' Malta.

[55] F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza ta' dan it-Tribunal, diversament presedut, fl-ismijiet **GasanMamo Insurance Ltd vs John Bonnici,** (Talba Nru: 111/2018) deċiża fis-17 ta' Ottubru 2019. Ukoll, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Joany Mizzi vs Leo Grech et,** (Talba Nru: 350/2013) deċiża minn dan it-Tribunal, diversament presedut, nhar is-26 ta' Ġunju 2014. Dawn iż-żewġ sentenzi ma ġewx appellati.

[56] Ma saret l-ebda talba a tenur tal-artikolu 961 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi jrid jiġi mfakkar li d-difiża tat-terz injot m'hijiex difiża[57]. Dan apparti l-fatt li jemerġi ċar mil-liġi tagħna li, f'materja rigwardanti kuntratt bħal dan, din m'hijiex difiża sostenibbli[58],

Illi b'mod konkludorju għalhekk, it-Tribunal jgħid li emerġa ċar li dan ix-xogħol ma huwa ta' ebda utilità tal-atturi[59], anzi, irid jerġa' jinqala' u jsir mill-ġdid. Id-difetti huma sostanzjali u ta' natura tali li dan it-Tribunal ma jistax ħlief jilqa' t-talba attriċi kif postulata. Dan huwa hekk ukoll fir-rigward tad-danni, għaliex huwa aċċettat li dawn, u ċertament f'dan il-każ, ġew ikkaġunati min-nuqqas tal-konvenut[60].

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jiddeċiedi din it-Talba billi filwaqt li jiċħad l-eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenuti u għalhekk jiddikjara li huwa kompetenti li jiddeċiedi dan il-każ, jiċħad l-eċċezzjonijiet rimanenti tal-konvenuti u jilqá t-talba tal-atturi iżda fil-konfront tal-konvenut Hicham Elsayed Gad Abdelhady biss għar-raġunijiet hawn fuq imfissra u għalhekk jikkundanna lill-istess konvenut Hicham Elsayed Gad Abdelhady iħallas lill-atturi s-somma ta' erbat elef u sitt mitt Ewro (€4,600) bl-imgħax legali mis-17 ta' Ottubru 2018[61] sad-data tal-pagament effettiv.

---

[57] F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Joseph Grixti et vs Godfrey Gatt et,** (Ċit Nru: 2070/95) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-3 ta' April 2001 (mhux appellata) fejn ġie ritenut hekk: *"Illi dwar tali difiza, l-Onor Imhallef Geoffrey Valenzia fis-sentenza "Paul Scerri et pro et noe vs Tancred Cesareo" – (27 ta' Jannar 1997, Vol LXXXI, Pt III, Pg 10 - ikkwota dak li qalet il-Qorti ta' l-Appell Civili fil-kawza "Camilleri vs Cutajar" tad-9 ta' Dicembru 1968: "Huwa risaput li d-difiza tat-'terzo ignoto' mhi difiza xejn ghaliex il-kawza hija bejn il-kontendenti u l-ebda parti mit-trot (recte: tort) ma tista' tigi addossata lil xi hadd li mhux fil-kawza."*

[58] Strettament fuq appalt, issir referenza għal dak li jrid l-artikolu 1642 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

[59] Artikolu 1640(3) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

[60] F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Mekanika Limited vs Eurobyte Limited,** (Ċit Nru: 2532/200/1) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-10 ta' Novembru 2010) (mhux appellata).

[61] Data tal-preżentata tal-Avviż odjern. Filwaqt li t-Tribunal huwa konxju tal-prinċipju in *illiquidis non fit mora*, madanakollu wieħed huwa mistieden jara dak li ġie deċiż fis-sentenza

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri, jitħallsu fl-intier tagħhom mill-konvenut Hicham Elsayed Gad Abdelhady.

**Dr. Joseph Gatt LL.D.**
Ġudikatur

---

fl-ismijiet **Mario Galea et vs Emanuel Fenech**, (Ċit Nru 1718/2000/1) deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili per Onor Imħallef Joseph R Micallef, fis-16 ta' Jannar 2003. Dan qiegħed jingħad għal-porzjon ta' danni mitluba (fl-ammont ta' €600). Ir-rapport peritali li jsemmi dan l-ammont ġie mehmuż mal-Avviż tat-Talba, apparti l-fatt li t-talba hija waħda għal ammont speċifiku.